FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

Illum 14 ta' Gunju 2017

Il-Pulizija
(Spettur Rennie Stivala)

vs

Abdullah El Rosiqi Matroud Khaled Mohammed

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 28576A akkuzat talli flimkien ma persuni ohra bejn Jannar 2014 u Lulju 2014 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula f'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta kwalifici foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' John Baptist Borg u/jew ta' diversi persuni ohra;
2. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat b' falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc., li jappartjenu lil John Baptist Borg, billi holoq pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il pattijiet dispozizzjonijiet obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli ghamilt uzu mill-istess atti, kitba jew skrittura falza;
3. fl-istess dati, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' cheque book tal-HSBC Bank Malta plc., li jappartjeni lil John Baptist Borg, liema serq sar ghad-dannu tal-istess HSBC Bank Malta plc., u ta' John Baptist Borgu ma jaqbizx l-ghaxar Euro;
4. irrenda lilu nnfisu komplici tad-delitti hawn fuq imsemmija, billi gieghel d-delitt isir, b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi jew ghemil qarrieqi iehor inkella b'abbuz t'awtorita jew setgha inkella li jkun ta' struzzjonijiet biex sar d-delitt, u/jew billi ta ghodod jew mezzi ohra li bihom saru d-delitti, meta kien jaf li kellhom jigu wzati, u/jew talli b'xi mod assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom d-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka fl-udjenza tal-lum;

Ikkonsidrat:

It-tahrika takkuza l-imputat b'komplicita' fi truffa, falsifikazzjoni, l'uzu xjenti taghom u b'serq. Ghal dawn ir-reati l-imputat irregistra ammissjoni fl-udjenza tas-19 ta' Ottubru 2016 u l-kawza tinsab differita ghal lum ghas sentenza in virtu tal-Artikolu 392A tal-Kap 9.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri jirreferu ghal kotba bankarji intestati f'isem certu John Baptist Borg li l-imputat kellu l-pussess taghhom (minnhom esebiti fil-process) u li, flimkien ma' terzi, uza cekkijiet minnhom f'xiri ta' oggetti varji fosthom gjollererija. Kien ix-xiri ta' dawn ta' l-ahhar minghand id-ditta 'Diamonds International' u r-rapport minnhom lill-pulizija li c-cekk gie disonorat li ta' bidu ghall-investigazzjonijiet mill-pulizja. Dawn l-investigazzjonijiet irrisultaw filli kien hemm okkazjonijiet ohra li gew intuzati cekkijiet simili f'xiri ta' oggetti ohra, ta' tip varji, fejn l-oggett ittiehed izda l-pagament ghalih ma kienx sehh minhabba li c-cekk baqa' ma giex onorat mill-bank. Mill-atti processwali jirrisulta almenu erba negozji li spiccaw fil-mira tat-truffa esgwita tramite cekks intestati f'isem John Baptist Borg.

L-amissjoni da parti tal-imputat hija wahda volontarja u inkondizjonata.

In vista ta din l-ammissjoni rat l-Artikolu 18, 42(b)(c)(d), 183, 184, 284, 308, 310(1)(a), 17, 28A tal-Kap 9.. Tikkondannah sentejn priguneria sospizi ghal erba snin bl-applikazzjoni tal- Artikolu 28A tal-Kap 9 u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tikkundannah li mhux oltre zmien sitt xhur mill-lum ihallas lill AAA Grech €900, lil Tool Box €420, lil K Grech and sons €736, u lil Handy Man Centre €830 ghas-somma totali ta' €2886.

Tordna li s-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali kif jiddisponi l-imsemmi Artikolu 392 tal-Kap 9.

A.M.Trigona
Magistrat